TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Carmela Sammut

Vs

Charichelon Co. Ltd.

CCT 151/19/MM

Illum, 27 ta' Settembru 2022

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fil-21 ta' Ottubru 2019 fejn talbet is-somma ta' Euro 500 rappreżentanti flus li 'ħallset bil-ħsieb li tirranġa wara' għaliex skont kienet 'misled: 1. Għaliex id-desk ma kienx malli tidħol l-airport; 2. Għaliex ma qaltliex li jkun hemm ħafna boots u Turkish Airlines desks kien l-aħħar wieħed, għax hi qatt ma marret u ma kientx taf'.

Illi l-intimata intavolat risposta fl-atti nhar l-14 ta' Novembru 2019 fejn eċċeppiet illi l-ilment tar-rikorrenti huwa infondat fil-fatt u fid-dritt għal diversi raġunijiet.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-fatti tal-każ jirriżulta li l-ilment primarju tar-rikorrenti kien li hi ħassitha 'misled' meta fir-rigward tal-*booking* tagħha mas-soċjeta' intimata għal titjira minn Malta għal Amerika li kienet tinkludi *overnight stay* ġewwa Istanbul hija ma sabitx id-desk tat-Turkish Airlines Hotel Desk u għalhekk minħabba li kienet f'pajjiż esteru ħassitha mbeżża u 'mhedda' u b'hekk għażlet li tħallas lukanda hi għal rasha bil-ħsieb li wara tiġi kkumpensata mill-intimata.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal ma jistax ma jinnutax il-provi estensivi ppeżentati mill-intimata fejn mhux biss jinkludu ritratt b'senjalatika ċara li tindika 'Turkish Airlines' imma anki dokumentazzjoni li ġiet provduta lir-rikorrenti li tindika lilha istruzzjonijeit b'mod ċar li l-lukanda tagħha kienet inkluża u għalhekk ma setgħetx tagħżel minn jhedda lukanda oħra u wara tippretendi r-rifużjoni tal-istess. Iktar minn hekk Colin Aquilina, in rappreżentanza tas-soċjeta' intimata jikkonferma bil-ġurament tiegħu li r-rikorrenti gie pprovdut lilha numru tat-telephone b'linja Maltija a disposizzjoni tal-klijent 24/7. Iktar minn hekk, kif jirriżulta mix-xhieda, ir-rikorrenti setgħet faċilment tirrikorri għal kwalunkwe desk bl-indikazzjoni ta' 'Turkish Airlines' sabiex dawn ikunu jistgħu jassisstuha f'dak li hi kienet teħtieġ.

Illi dan it-Tribunal xejn ma jsib krebiddli l-verżjoni mogħtija mir-rikorrenti li ma setgħet tara mkien indikazzjoni ta' 'Turkish Airlines' proprju ġewwa l-ajruport ta' Istanbul. Wisq inqas ma taħti s-soċjeta' intimata li l-irġiel fl-ajruport bdiet tarahom 'qishom ġganti u jitkellmu bil-lingwa tagħhom'. L-anqas ma għandu jingħata piż il-fatt li r-rikorrenti ħallset mingħajr ma kellha idea tar-rata tal-kambju, nuqqas li m'għandiex taħti għalih l-intimata. Illi iktar minn hekk, minkejja li r-rikorrenti mhux qed tattribwixxi dan it-tort lill-intimata, dan it-Tribunal ma jistax ma jinnotax li hu minn jhedda tistqarr li anki hi u ġejja lura Malta kellha diffikulta u di fatti tilfet l-ajruplan.

Konsiderazzjonijiet

Illi fil-każ odjern it-Tribunal ma jħoss li l-intimata naqset mill-obbligi tagħha lejn ir-rikorrenti dan iktar u iktar meta mhuwiex mistenni li r-rikorrenti timxi b'għama f'dak li hija tqis u tagħmel mingħajr ma tqis il-konsegwenzi.

Għaldaqstant it-Tribunal iqis illi it-talba tar-rikorrenti ma hijiex ġustifikata u għalhekk tiċħad it-talba tagħha.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru